MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 279/2005

**Harbour Management Ltd (C 29326)**

**VS**

**John Busuttil**

## Il-Qorti

## Preliminari

Rat **l-att tac-cittazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi:

Peress illii s-socjeta' attrici tamministra l-Manoel Island Marina, f' Manoel Island Gzira;

Peress illi l-konvenut huwa s-sid tal-*'yacht"* 'Anna Maria Esmeralda' registrat f'Malta bin-numru ufficjali 3897, b'tunnellag gross ta' 271 net ta' 81:

Peress illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' seba' t'elef , tmien mija, u tmienja u sebghin lira Maltija wiehed u disghin centezmu (Lm7,878.91) konsistenti, in kwantu ghal Lm2,855.65 '*berthing fees"* ghall-perijodu bejn Gunju u Dicembru 2004 ghall-''*yacht* '' Anna Maria Esmeralda, in kwantu Lm5,023.26 bhala '*'berthing fees"* ghall-perijodu bejn Jannar u Dicembru 2005, dovuti bil-quddiem, ghall-''*yacht* '' 'Anna Maria Esmeralda', u dan kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u mmarkati dok A1-2;

Peress illi ghalkemm interpellat diversi drabi sabiex ihallas il-konvenut baqa' inadempjenti;

U peress illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi biex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) stante illi l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' seba' t'elef, tmien mija, tmienja u sebghin lira Maltija, wiehed u disghin centezmu (Lm7,878.91) huwa cert, likwidu u esigibbli, u fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, m'ghandhiex:-

1. Tilqa t-talba attrici u taghti sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Tiddikjara lill-konvenut debitur versu s-socjeta' attrici fis-somma ta' seba' t'elef, tmien mija, tmienja u sebghin lira Maltija, wiehed u disghin centezmu (Lm7,878.91);

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex minnufuh ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ t’elef, tmien mija, tmienja u sebghin lira Maltija, wiehed u disghin centezmu (Lm7,878.91);

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Impediment ta’ Tluq ta’ Bastiment numru 438/05 u tal-Mandat ta’ Qbid numru 439/05 JVA, kif ukoll bl-imghax kummercjali, kollox kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat id-dikjarazzjoni** tas-socjeta’ attrici a fol.3 tal-process.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici li permezz taghha rriduciet it-talba bl-ammont ta’ elfejn lira Maltin (Lm2,000) stante pagament fil-mori tal-kawza;

Rat illi c-citazzjoni get debitament notifkata lil konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba kif ridotta tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif ridotta ghall-ammont ta’ hamest elef, tmien mija, tmienja u sebghin lira Maltija, wiehed u disghin centezmu (Lm5,878.91) bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------